KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2017

IS-SITT SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-ĦIN: Siegħa

Marka Totali ____ 80

L-isem u l-kunjom: ______________________ Il-klassi: ________

## TAQSIMA A NIMMANIĠĠJAW L-ISKART

**Immarka t-tajbin bis-sinjal (✓). (4 marki)**

1. Kompost huwa magħmul minn fdalijiet ta'

| | | |
|---|---|---|
| i | boroż biż-żebgħa, biċċiet tal-ħadid u plastik. | |
| ii | qxur tal-frott, fdalijiet tal-ħaxix u qxur tal-bajd. | |
| iii | ħġieġ imkisser, drapp u kaxex tal-kartun. | |

2. Il-kompost jifforma fi żmien

| | | |
|---|---|---|
| i | ftit sigħat. | |
| ii | ġimagħtejn. | |
| iii | ftit xhur. | |

3. Il-kompost jintuża biex

| | | |
|---|---|---|
| i | isaħħaħ il-kwalità tal-ħamrija. | |
| ii | isebbaħ il-ġonna. | |
| iii | jiffriska l-ħamrija. | |

4. Impjant ta' riċiklaġġ f'Malta huwa dak ta'

| | | |
|---|---|---|
| i | Sant Andrija. | |
| ii | Sant Anton. | |
| iii | Sant Antnin. | |

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba.** **(8 marki)**



| | | | |
|---|---|---|---|
| belt | ġranet | ħadra | laptop |
| kartuna | jiskadi | platti | ikel |

1. Ma tistax tarmi fdalijiet tal-____________________ fil-*bring-in site*.
2. Il-____________________ tal-ħalib u pakketti tal-*juices* jistgħu jiġu rriċiklati.
3. Ma tistax tpoġġi *tissues* użati fil-borża l-____________________ jew griża tar-riċiklaġġ.
4. Skart riċiklabbli jinġabar fi ____________________ differenti.
5. Tazzi u ____________________ tal-ħġieġ ma jistgħux jiġu rriċiklati fil-*bring-in site*.
6. Uża l-*bring-in sites* li hemm fil-____________________ jew raħal tiegħek.
7. Ħu ____________________ qadim ġo faċilità għal skart magħżul.
8. Tixtrix ikel li ____________________ malajr f'ammonti kbar.

**Qabbel mal-istampa billi tikteb in-numru fil-kaxxa.** **(8 marki)**

1. Agħżel flixkun tal-ilma li tista' terġa' tużah.
2. Armi fil-*bins* apposta ħdejn il-baħar.
3. Erfa' ikel żejjed fil-friġġ u użah l-għada.
4. Ibgħat imejls minflok ittri bil-posta.
5. Issepara l-iskart fil-borża l-griża / ħadra.
6. Itfa' l-fdalijiet tal-ikel fil-*bin* tal-kompost.
7. Laħlaħ il-kontenituri riċiklabbli biex ma jagħmlux riħa.
8. Uża l-laned vojta tal-ġelat biex terfa' fihom.

















**Wieġeb.** **(3 marki)**

1. Semmi **oġġett wieħed** li tista' tirriċikla fil-borża l-ħadra.

_______________________________________________

2. Agħti eżempju wieħed ta' x'tista' tagħmel biex joqogħdulek iżjed affarijiet fil-borża tar-reċiklaġġ.

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Xi tkun qiegħed tagħmel meta tirriċikla?

_______________________________________________

_______________________________________________

**Agħti żewġ (2) suġġerimenti kif tista' tgħin fil-kampanja tar-riċiklaġġ.**

**GĦIN LIL ĊIKKA TIRRIĊIKLA.** **(2 marki)**




1. _______________________________________________

_______________________________________________

2. _______________________________________________

_______________________________________________

## TAQSIMA B META MISSIRIJIETNA ĠEW ATTAKKATI 1

**Qabbel bin-numri l-personaġġi fl-Assedju l-Kbir.** **(5 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Sulejman | | ġeneral Tork li miet waqt l-attakk |
| 2. | Dragut | | Gran Mastru tal-Kavallieri |
| 3. | Mustafà Paxà | | kap kmandant tal-flotta Torka |
| 4. | Pialì Paxà | | kap kmandant tas-suldati Torok |
| 5. | Jean de Valette | | sultan tat-Torok |

**Imla l-isem tal-postijiet, portijiet u l-fortifikazzjonijiet madwar il-Port il-Kbir fi żmien l-Assedju tal-1565.** **(8 marki)**




1. Forti ________________
2. Port ________________
3. ________________
4. Forti ________________
5. ________________
6. Forti ________________
7. Għolja ________________
8. Port ________________

**Imla l-vojt bil-postijiet madwar Malta.** **(4 marki)**



1. Il-flotta Torka waslet Malta u ddaħħlet fil-port ta' **M**________________ .
2. It-Torok għamlu l-kamp tagħhom fil-**M**________________ u bdew l-attakk fuq Sant'Iermu.
3. Wara huma attakkaw lill- **B**________________ u l-fortizza San Mikiel fl- **I**________________.

**Ikteb IVA jew LE dwar l-Assedju l-Kbir.** **(8 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-Maltin daħlu jistkennu fil-fortifikazzjonijiet. | |
| 2. | Il-Maltin ma tawx sehemhom fil-ġlieda kontra t-Torok. | |
| 3. | It-Torok beżgħu li tasal l-għajnuna mill-Ordni. | |
| 4. | It-Torok kienu nkwetati għax-xwieni tagħhom. | |
| 5. | It-Torok ma beżgħux mill-maltemp tax-xitwa. | |
| 6. | It-Torok ma sabux x'jieklu u x'jixorbu. | |
| 7. | Kien faċli li t-Torok jixxabbtu mas-swar. | |
| 8. | Kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-kapijiet Torok. | |

**Aqta' sing taħt it-tajba.** **(7 marki)**



1. Il-Maltin u l-Kavallieri kienu magħluqa fil-fortizzi li kienu mdawra (bil-ħġieġ, bil-ħadid, bis-swar, bix-xbiek).
2. It-Torok rebħu Sant'Iermu fi żmien (ġimgħa, xahar, tmin xhur, sena) u ftit.
3. Is-suldati Torok riedu jirbħu lil Malta qabel ma (jibda l-maltemp, tidħol ir-rebbiegħa, tibda s-sħana, jidlam).
4. It-Torok ma setgħux iħaffru mini taħt is-swar tal-fortifikazzjonijiet għax (kien sar il-ħin, ma kellhomx għodda, beżgħu mill-attakki, il-blat kien iebes ħafna).
5. Il-Kavallieri riedu (jitilqu minn, jaħarbu minn, jibqgħu hawn, jbiegħu lil) Malta tant li bdew jissejħu l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta.
6. Wara l-Assedju, il-Prinċpijiet Insara fehmu l-importanza ta' Malta u bagħtu (madum, ġebel, siment, flus) biex tinbena l-Belt Valletta.
7. Wara l-Assedju, il-Birgu beda jissejjaħ (Invicta, Vittoriosa, Melita, Medina).

## TAQSIMA Ċ BELT KAPITALI ĠDIDA GĦAL MALTA

**Wieġeb dwar il-Belt Valletta billi tqabbel kolonna m'oħra. (8 marki)**
**L-ewwel waħda lesta.**



| | | | |
|---|---|---|---|
| *1.* | *Il-Belt Valletta nbniet* | | ma nbnewx maqtugħin għalihom mill-bqija tad-djar tal-Belt. |
| 2. | Jean de Valette | *1* | *wara l-Assedju tal-1565.* |
| 3. | Il-Papa Piju V | | fassal il-pjanta tal-Belt Valletta. |
| 4. | Franġisku Laparelli | | jiddefendi l-belt f'każ ta' attakk mill-baħar. |
| 5. | It-toroq saru dritti u wesgħin biex | | kienet li kull kantuniera kellha tkun imżejna. |
| 6. | Il-Forti Sant'Iermu inbena biex | | insista biex tinbena belt ġdida. |
| 7. | Il-bereġ tal-Kavallieri | | jagħtu sens ta' ordni. |
| 8. | F'kull binja tal-Belt Valletta | | bagħat il-perit tiegħu biex jibda x-xogħol fuq il-Belt Valletta. |
| 9. | Waħda mir-regoli għas-sbuħija tal-belt | | kellu jkun hemm bir. |

**X'hemm interessanti f'dawn il-binjiet fil-Belt Valletta? (10 marki)**

1. Bereġ tal-Kavallieri

___

___

2. Konkatidral ta' San Ġwann

___

___

3. Palazz tal-Gran Mastri

___

___

4. Sagra Infermerija

___

___

5. Teatru Manoel

___

___



Fl-2018, il-Belt Valletta ser tkun il-belt kapitali Ewropeja. Bħala parti mill-attivitajiet, ser issir wirja dwar il-bini tal-Belt Valletta. Inti l-persuna responsabbli minn din il-wirja u trid tagħżel l-oġġetti li ser jintwerew.

**Semmi ħames (5) oġġetti li ser tinkludi f'din il-wirja dwar il-bini tal-Belt Valletta. (5 marki)**

1. ilbies ta' ______________________________
2. ittra ta' ______________________________
3. pittura ta' ______________________________
4. pjanta/mappa ta' ______________________________
5. statwa ta' ______________________________

**TMIEM IL-KARTA**